# L-ARĊISQOF GONZI

## INTERVISTAT MIR-RIVISTA *STORJA*

*F'Awissu ta' din is-sena, l-E.T. Monsinjur Mikiel Gonzi, li issa għandu 92 sena u m'għadux jokkupa l-kariga ta' arċisqof effettiv ta' Malta, tkellem mal-Professur Patri ANDREW VELLA, Kap tad-Dipartiment tal-Istorja fl-Università u mis-Sur GEORGE ATTARD, Assistent Editur ta' Storja, dwar sett ta' mistoqsijiet li għamilnilu.*

## SUNT BIJOGRAFIKU

Mgr. Gonzi twieled il-Birgu fl-1885, bin Ġużeppi Gonzi u Margerita mwielda Tonna. Ta' ħdax-il-sena daħal is-Siminarju u fl-1903 ġie l-ewwel fl-eżami tal-Matrikola. Ġie ordnat saċerdot mill-isqof Pietro Pace fl-1908, ftit wara li Gonzi kien iggradwa b'baċellerat fil-letteratura. Kompla l-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana ta' Ruma mnejn illawrja fid-dritt kanoniku sentejn wara. Matul l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918) Dun Mikiel inħatar Kappillan Militari kif ukoll avvanza fil-karriera pedagoġika tiegħu minn għalliem tal-iskrittura fis-Seminarju għal professur tal-iskrittura u tal-Ebrajk fl-Università.*

*Hawnhekk nistgħu ngħidu li tibda l-ħajja pubblika ta' Gonzi, mhux biss bħala għalliem, imma wkoll bħala dinjitarju ekkleżjastiku b'relazzjonijiet tajbin mal-isqof Mauro Caruana; u anki, sa ċertu punt, bħala politikant, meta fl-1921 huwa aċċetta li jikkontesta l-elezzjoni għas-Senat fl-interessi tal-Labour Party.*

Gonzi dam senatur mill-1921 sal-1923 — meta kien ukoll rettur ta' l-iskola S. Pawl tal-Belt — imbagħad għadda minn segretarju privat tal-isqof Caruana għan-nomina ta' isqof ta' Għawdex fl-1924, fl-eta ta' 39, wara li sa minn qabel kien diġà nħatar koadjutur tal-Kanoniku Tejologu tal-Kattidral ta' Għawdex. Huwa dam isqof ta' Għawdex dsatax-il-sena.

Fl-1943, wara ħafna attivitajiet pastorali u amministrattivi,

*Għal kronoloġija bijografika qasira, ara l-fuljett dwar il-ġublew tad-deheb ta' Mgr. Gonzi maħruġ mill-Kumitat Organizzattiv tal-Festi Ġubilari (1974).

Gonzi nħatar koadjutur tal-isqof Caruana mill-Papa Piju XII bid-dritt tas-suċċesjoni. Meta miet Caruana f'Diċembru tal-1943 laħaq minfloku Gonzi, li ngħata wkoll, għall-ewwel darba f'Malta, it-titolu ta' "Arċisqof". *Din il-ħatra saret fi żmien il-gwerra meta Malta kienet naturalment kolonja ngliża vitali: Gonzi kien figura kontroversjali, kellu personalità distinta, u għaldaqstant il-ħatra tiegħu f'din il-kariga għolja kienet waħda polemika, għalkemm fil-fatt huwa jiċħad li qatt kien "anti-English"*. Kważi kollox jindika li hekk hu, sew qabel kif ukoll wara li Gonzi sar arċisqof: fl-1946 ir-re George VI onorah bit-titolu ta' *Sir*, u bħala arċisqof huwa ħa wkoll ir-rank onorarju ta' *Major General* fl-armata ngliża.

Bħala arċisqof, Gonzi ħa sehem f'kważi kull okkażjoni uffiċjali ta' importanza u ħa wkoll diversi inizjattivi fil-qasam ekkleżjastiku, imma x'aktarx li fl-istorja riċenti jibqa' magħruf prinċipalment in konnessjoni mal-ġlieda hekk imsejħa "politiko-reliġjuża" ta' żmien is-sittinijiet (li llum ma tantx hu moda li ssemmiha, imqar bl-iżjed intenzjoni retta, u dan "biex ma nqajmux kadavri").

Xi sena ilu Mgr. Gonzi rtira mill-kariga ta' arċisqof metropolita, għalkemm għadu jgawdi t-titolu ta' Arċisqof Emeritus, u floku laħaq arċisqof il-monsinjur Għawdxi Ġużeppi Mercieca. Peress li l-perijodu ta' dan l-episkopat kien tant twil, u l-istamina tal-Arċisqof Gonzi nnifsu tant straordinarja, wieħed jista faċilment jitkellem dwar "l-era ta' Gonzi", almenu fil-qasam tal-istorja ekkleżjastika.

## GONZI JIFTAKAR

*RIFLESSJONIJIET DWAR EPISODJI U PERSONALITAJIET MATUL IŻJED MINN NOFS SEKLU TA' EPISKOPAT F'GĦAWDEX U F'MALTA.*

L-ewwel mistoqsija ta' *Storja* lil Monsinjur Gonzi kienet dwar l-influwenzi formattivi li kellu fil-bidu tal-karriera spettakolari tiegħu. Mir-risposti tiegħu jidher li żgur żewġ persuni li nfluwenzawh kienu l-isqof Mauro Caruana u l-konfessur u konsulent tiegħu: mingħand dawn kien sikwit jieħu pariri u jidher li magħhom kien jikkondividi l-iżjed sentimenti u ħsibijiet privati tiegħu. L-Arċisqof tana rakkont ta' ħajtu, f'mumenti mżewwaq bi kwotazzjonijiet ftit jew wisq kelma b'kelma, sew bil-Malti kemm bl-Ingliż. F'din l-intervista qegħdin appos-

ta nirristringu kemm nistgħu l-interpretazzjoni storika u nħall-lill-Arċisqof innifsu jiftakar u jikkummenta dwar il-passat tiegħu u ta' Malta, b'ton karatteristiku, awtobijografiku.

**Maħtur Professur fl-Università**

L-ewwel ħatra importanti ta' Gonzi kienet dik fl-1915 meta sar Professur tal-Iskrittura u l-Ebrajk fl-Università. Għall-ewwel, fuq parir tal-konsolenti tiegħu, ma aċċettax l-offerta tar-rettur ta' l-Università għal dan il-post, għax beża' li l-Ebrajk tiegħu ma kienx għadu tajjeb biżżejjed. Fi kliem il-konfessur tiegħu, kif jiftakru l-Arċisqof: "għax kien hawn ħafna ministri protestanti kollha jafu bl-Ebrajk, ma jmorrux ifixkluk." Iżda s-sena ta' wara aċċetta, u sar.

**Magħżul Isqof ta' Għawdex**

Il-Professur Gonzi dam tlett snin segretarju privat tal-isqof Caruana. "Kont ingħix miegħu fil-palazz: kien jafdali s-segreti kollha tad-djoċesi. Wara l-pranzu, wara ċ-ċena, kont immur miegħu — ipejjep sigarru — u joqgħod jgħidli x'ġara f'Malta. Wara tlett snin, ġurnata minnhom, wara l-pranzu, tajtu l-korrispondenza, li kont nirċeviha jien. Għdetlu: 'hawn għandek waħda mportanti: tal-konċistorjali.' F'qalbi għedt: 'din min jaf hix xi ħasla!' " Dak in-nhar Gonzi nzerta ma tantx jiflaħ u għalhekk mar dritt f'kamartu. Iżda wara ħames minuti mar iħabbatlu l-bieb l-isqof Caruana stess:

— 'Sar l-isqof t'Għawdex!'
— 'U x'jimpurtani mill-isqof t'Għawdex jien . . . għandi wġiegħ ta' ras.'
— 'Ma ssaqsinix min sar?'
— 'X'jimpurtani!'
— 'Sirt int.'
— 'Sirt jien? Jien ma naċċettax.'
— 'Kif ma taċċettax? Għandek ħila tirrifjuta hawn li għandek il-firma tal-papa, Pio XI?'
— 'Jiena ma naċċettax. Ma nħossnix kapaċi għal din il-biċċa. Jien kuntent kif jien . . .'
— 'X'se tagħmel?'
— 'Ma nafx.'
— 'Almenu mur ħu parir.'

Hekk għamel: "Krejt karrozzin — dak iż-żmien! — xi s-satgħejn, u mort għand id-direttur spiritwali, il-konfessur tiegħi:

— 'Dun, mhux biex inqerr ġejt, biex ittini parir.'
— 'Fuq hix . . . ma nagħmlux li sirt isqof t'Għawdex, hux?'
— 'Għalhekk ġejt . . . ma naċċettax! L-isqof bagħtni nieħu parir, il-parir tiegħek.'
— 'Għamlek il-Papa, kif tista' tirrifjuta?'
— 'Ma nħossnix kapaċi, u lanqas denn li nsir . . .'
— 'Ara inti ġejt għall-parir tiegħi bħala konfessur tiegħek?'
— 'Iva.'
— 'Ara, Alla jgħinek; inti mhux int fittixtha; taħilek Alla, u Alla jgħinek. Aċċettaha.'
— 'Mela naċċetta . . .'
U ġejt hawn u lill-isqof għedtlu: 'Naċċetta.' Niftakar qalli: 'Mela l-kelma tiegħi ma swietx; ta' dak swiet!' Dik kienet."

**Elett Membru tal-Parlament**

*Mistoqsija*: Taħseb, Eċċellenza, li l-pożizzjoni tiegħek fis-senat parlamentari, meta kont membru tal-Partit tal-Ħaddiema, għenitek fil-mixja tiegħek 'il quddiem, f'għajnejn is-Santa Sede, biex imbgħad inti lħaqt l-ewwel isqof ta' Għawdex, imbgħad arċisqof ta' Malta?

*Tweġiba*: Ma naħsibx li l-ħajja politika għenet. Forsi esperjenza kelli, il-għaliex għamilt tlett snin fis-Senat jien. Ma kontx norqod; u darba kellna xi ħaġa tas-Senat u l-gvernatur kien talabni biex ngħin biex nirranġaw. U għent; u erġajna ltqajna . . . Kien hemm fis-Senat anke żewġ rappreżentanti ta' l-isqof, li kienu Monsinjur Apap Bologna u Monsinjur De Piro. Għamilt tlett snin hemm, u f'dawk it-tlett snin naf li anke nkorreġġejt ħafna l-istudju tal-Malti.

**Kif Daħal fil-Partit tal-Ħaddiema**

*Mistoqsija*: Imma inti dħalt hekk fil-politika — minn rajk — jew imbuttawk? Xtaqt inti, kont tinteressa ruħek ħafna fil-politika, jew sibt ruħek li speċi mbuttawk?

*Tweġiba*: Jiena l-ħaddiema kont — dak li jidhirli ġust — niddefendihom; imma nuża moderazzjoni eh . . . U fis-senat — issa la ġie l-kliem, imma qalgħulieli: 'inti, avolja tal-*Labour*, moderat; ma tagħmilx differenza.' Għedt: 'jiena kulħadd Malti għalija.'

*Mistoqsija*: Kif dħalt fil-politika inti?

*Tweġiba*: Ara dan: kont il-Kalkara; kien il-Ħadd — kont

għadni m'inix ma' l-isqof jien — u ġew tlieta, qaluli: 'Aħna fformajna l-partit tal-*Labour*. Ġejna nitolbuk biex tidħol membru fih.' Għedtilhom: 'Le! . . . ma rridx naf b'politika jien . . . morru.' Għedtilhom 'le'.* Ġie l-Ħadd ta' wara: reġgħu ġew sabuni hemm, il-Kalkara. Qaluli: 'ara, ġejna ngħidulek erġajna . . . Is-sur Fons Galea aċċetta, imma għas-Senat, mhux għall- . . .' Għedtilhom: 'ara, ma ntikomx risposta. Morru.' U l-għada ġejt għand Monsinjur Caruana. Għedtlu: 'ara, Eċċellenza, dawn talbuni biex nidħol hawn; l-ewwel irrifjutajt, issa . . . x'tgħidli? Tini parir . . .' Qalli: 'Mhux intik parir — nobbligak . . . biex ikun hemm bniedem ekkleżjastiku fil-kumitat.' Qalli: 'mur, nobbligak.' U aċċettajt.

Imbgħad, ġiet l-elezzjoni; ifforma ruħu l-partit tal-*Labour* sewwa; kellhom nies li kienu jagħmlu unur lill-partit, tant mill-punt di vista politiku tant mill-punt di vista reliġjuż. U qaluli 'ara, int trid toħroġ għas-Senat' . . . u kelli preċiża l-età, għax ried ikollok *trenta cinque anni* . . .**

**Fil-Funerali tal-Vittmi tas-Sette Giugno**

Mistoqsi dwar l-iżjed esperjenzi memorabbli ta' ħajtu, fit-tajjeb jew ħażin, l-Arċisqof Gonzi semma l-ewwelnett is-*Sette Giugno*: "Waħda mill-ħwejjeġ li kienet għamlet kjass kbir f'Malta, u li kienet qanqlet lil kull min iħobb lill-poplu, u qanqlitni kienet, kienet is-*Sette Giugno;* meta anke mietu xi nies. Indifnu f'funeral li ħadt parti fih l-Addolorata; u bqajt għal snin immur ninvistahom. Dak kien wieħed mill-iktar ħwejjeġ li rratristaw il-qalb ta' kull min iħobb lil Malta . . . "

**Fil-Kungress Ewkaristiku tal-1913:**

Mill-aspett reliġjuż, Gonzi ftakar partikolarment fil-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta fl-1913. "Dan kien irnexxa mad-dinja kollha, u kkonsidrat bħala wieħed mill-aqwa kongressi li saru. Kien ħadem ħafna l-isqof Pace, għalkemm kien

*Fosthom kien hemm ċertu Alfonso (? Alfons Maria Galea) u ieħor kurunell Malti (? il-kurunell Willie Savona); l-Arċisqof Gonzi ma setax jiftakar sewwa x'kien jisimhom.

**Dwar dan il-punt, Mgr. Gonzi ftakar li kienet saritlu kawża fil-qorti minn kandidat ieħor, imma dan tilifha (għax fil-fatt Gonzi, skond iċ-ċertifikat tat-twelid, kien ovvjament għadu kemm għalaq 35 sena).

xiħ; kellu kumitat ta' ekklezjastiċi u sekulari. Il-poplu aċċetta b'entużjażmu l-proposta, u kompla ħa parti b'veru entużjażmu u bir-rispett lejn l-Ewkaristija lill-membri kongressisti li kienu ġew minn barra." Huwa ftakar lill-isqof Portelli jagħmel "id-diskors ta' l-ingress" fil-bidu tal-Kungress, ħdejn il-kappella ta' Sarrija l-Furjana, fil-preżenza ta' mijiet ta' viżitaturi barranin, inkluż għadd ta' kardinali, u l-folol ta' devoti Maltin. "Kienu ħadu parti n-nobbiltà kollha, mingħajr eċċezzjoni; il-kleru kollu, il-poplu kollu . . . "

*Mistoqsija*: Rigward l-Isqof Portelli, li semmejt, tiftakar xi ħaġa dwar is-*Sette Giugno*?

*Tweġiba*: Monsinjur Portelli kien ħa parti; hu ħareġ, mar isikket u jippaċifika lill-poplu hemmhekk . . . Ħa parti kbira kien l-isqof Portelli. Malli sema' mar jiġri hemm, u għamel diskors u kkwitaw . . .

**L-Arċisqof Gonzi dwar Nerik Mizzi u Lord Strickland**

*Mistoqsija*: Inti li tiftakar lil Nerik Mizzi u lil Lord Strickland, tista tesprimi l-impressjonijiet tiegħek dwarhom? X'jidhirlek minn dawn iż-żewġ persunaġġi kbar fl-istorja politika ta' Malta?

*Tweġiba*: Mizzi, mill-punt di vista reliġjuż, kien Kattoliċiżmu. Mill-punt politiku, kien marbut intimament mal-ilsien Taljan, u allura kien hawn dak il-mument ċerta kwistjoni: dawk li riedu jżommu t-Taljan; u dawk li riedu jeqirduh u jissostitwuh bl-ilsien ingliż. Strickland kien għall-ilsien *ingliż*. Għalhekk, kien hemm oppożizzjoni kbira bejn dawn it-tnejn. Sakemm il-kwestjoni baqgħet politika, l-isqfijiet ma ndaħlux. Kulħadd żamm is-sentimenti tiegħu . . . imma meta mbagħad Strickland beda jibżalja u beda jattakka lill-isqfijiet għaliex huma mal-parti l-oħra, insomma, spiċċa kellna l-inkwiet miegħu. Hu kien dar kontra l-kappillani, u kienet qamet kwistjoni. u saru anke xi ittri pastorali biex ikkwitajna, ikkalmajna l-poplu. Imma, anki Strickland kien Kattoliku. Żbalja, b'ċerti atti tiegħu, imma ta' veru Kattoliku li kien, meta għadda ċertu żmien, u rranġat il-biċċa, talab skuża lill-Papa tan-nuqqas li kien għamel anke, forsi xi ftit, lejn il-persuna tiegħu, u lejn l-isqfijiet. Talab skuża; u miet ta' veru Kattoliku." Meta sema' li Strickland kien ħażin, Mgr. Gonzi, li kien isqof Għawdex, kien ġie Malta u mar għamillu żjara waqt l-agunija tiegħu, "għax miet ta' veru Kattoliku."

**Jiċħad li kien "anti-English"**

Mistoqsi x'jidhirlu dwar il-pamflet miktub minn student dwar "The Making of Archbishop Gonzi"*, l-arċisqof Gonzi qal li hu kien qrah iżda kkummenta li min kiteb dak il-*booklet* ma kien resaq qatt lejh u, fi kliem Gonzi: "rigward lili qal ħafna ħmerijiet; ħafna affarijiet li huma veri u importanti ma semmihom xejn." Mitlub biex ifisser ruħa aħjar, Mgr. Gonzi wara li reġa' lmenta min-nuqqas ta' konsultazzjoni miegħu da parti ta' l-awtur, għadda biex jikkjarifika xi aspetti storiċi li jolqtu r-reputazzjoni u l-karriera tiegħu:

"Dak li dehrlu kitbu — per eżempju, dwar l-oppożizzjoni ta' Strickland; ma semmiex, imbgħad, il-parti ta' Ruma. U ma semmiex li anke il-*High Commissioner* ingliż li kien hemm Ruma qatt ma emmen dawk l-akkużi li kienu qegħdin isiru kontra tiegħi imħabba l-lingwa. Kien *ingliż* — u dejjem kien favur tiegħi; għax kien informat minn wieħed li kien miegħi fil-kulleġġ ingliż Ruma, li mbgħad sar isqof u sar *presso il Vaticano,* imbgħad spiċċa Kardinal ta' Londra (Godfrey). Dan kien ħabib tiegħu. Qallu: 'mhu veru xejn dak li qed jgħid Strickland, li Monsinjur Gonzi huwa *anti-English*!' Qallu: 'għamilna sentejn flimkien il-kulleġġ ingliż jiena u hu. Naf is-sentimenti tiegħu.' U pperswada lill-*High Commissioner presso il Vaticano.* U dan dejjem żamm il-parti tiegħi. Mentri f'dak il-librett, dan ma semmiehx."

**F'Għawdex u f'Malta**

Hawnhekk Mgr. Gonzi osserva li hu kien dam isqof ta' Għawdex għal għoxrin sena — u bħala eżempju tal-ħidma pastorali tiegħu hemm, semma' kungress ewkaristiku li kien "trijonf kbir għal Għawdex". Tkellem b'għożża dwar l-Għawdxin: "Għawdex qatt ma kelli x'nilminta, għaliex il-poplu dejjem kien obbidjenti, ossekwijus, lejn l-isqof, ħabib tal-kleru, m'għandix xi ngħid . . ." Huwa irrilieva, iżda, li għall-aħħar seba' snin fl-episkopat tiegħu hemmhekk, kien jassisti lill-isqof Caruana f'Malta, u li dan kien jagħmlu fuq it-talba espressa tal-Papa. "Il-Papa stess — dan hu sigriet li nista nimmanisfestah — meta l-Ingilterra, mgħomija minn Strickland, qalu li jiena

*Ara D. Fenech: **The Making of Archbishop Gonzi** (Valletta, 1976).

*anti-English,* għamluli l-oppożizzjoni, il-Papa, ftit wara li saret dil-biċċa, f'udjenza kien qalli: 'Ara, taf li Monsinjur Caruana ma jiflaħx. Mur oqgħod Malta. Għinu kemm tista. Ibqa' isqof t'Għawdex, s'intendi, imma għinu f'kull ma tista, għax ma jiflaħx.' U għamilt seba' snin — biċċa minnhom is-snin tal-gwerra — qisni kont isqof ta' Malta jien. Id-diffikoltajiet kollha Monsinjur Caruana kien jafdahom f'idejja għax ma kienx jiflaħ — ħafna snin minnhom għamilhom għand is-sorijiet 'Blue Sister'. Il-Papa riedni; u jien għedtlu 'almenu darba fil-ġimgħa niġi Malta u nagħmel jew ġurnata jew jumejn u nara x'ikunu d-diffikoltajiet. Dak li nista nsolvi, nsolvih; u dak li ma nistax niktiblek.' "

**Kif laħaq Arċisqof ta' Malta**

*Mistoqsija*: Allura kif tbiddlet is-sitwazzjoni biex sirt *persona grata* u sirt arċisqof, la qabel kienu jgħidu li kont *anti-English*?

*Tweġiba*: "Ma kien veru xejn. Dana, fin-1937, Ruma issottomettiet l-isem tiegħi bħala isqof koadjutur ta' Malta, għax l-isqof kien marid. F'dak iż-żmien kien hemm il-kondordat bejn l-Ingilterra u Malta, li sar meta Strickland kien segretarju talgvern f'Malta — kienu bagħtuh bħala rappreżentanti tal-gvern ingliż — kienet saret din: li meta isqof ta' Malta ikun desinjat mill-Vatikan, il-Vatikan irid jissottometti l-isem tiegħu lill-gvern ingliż biex jara huwiex *persona grata* għall-gvern ingliż. Filkaż tiegħi, ġiet l-ittra lill-gvernatur. Il-gvernatur kien ġdid — Bonham Carter — kien għadu ilu xi ġimgħa jew ħmistax gvernatur. U dana sejjaħ lil officjali għoljin tal-gvern. Qalilhom, 'jiena għadni ġdid, ma naf xejn; x'jidhirlkom? Se nirrakkomanda lill-Mons Gonzi, isqof t'Għawdex, bħala isqof għal Malta?' U qalulu, 'm'hemm l-ebda diffikolta'. Dana sejjaħ lis-segretarju tiegħu, qallu 'lesti l-ittra: *there is no objection*'. Għadda żżmien — ma sirt naf xejn. Wara ftit taż-żmien, ġie Għawdex il-gvernatur biex jinawgura *playground*. Sarlu riċeviment, kont preżenti, u qalli: 'iva qatt ma tiġi Malta int? Ejja ftit; nitħaddtu ftit.' Għedtlu 'għejdli meta.' Qalli, 'ara ejja għall-*Empire Day* u wara ejja għall-lunch miegħi.' U ġejt. Għall-*lunch* konna jien u l-gvernatur, il-kappillan tiegħi, u kien hemm issegretarju tiegħu." Wara l-ikel, Gonzi talab lil Bonham Carter biex ikellmu privatament, waħdu, u qallu hekk:
— 'Jiena hawnhekk, ma' ġenbek, għandi l-ikbar għadu tiegħi.'

— *'Who is that?'*
— 'Sir Harry Luke.'
— *Why didn't you tell me that before? Why didn't you tell me that before? I am afraid it's too late now!'*

"Imbagħad insib — qalli hu stess — qalli, 'jiena għadni ġej, ma naf xejn. Gvernatur kien ilu nieqes minn Malta marid Londra xi seba' xhur. Sir Harry Luke kien *acting governor* . . ' Sir Harry Luke kien waħħalha f'rasu li jien *pro-Italian*. Qalli: 'jiena naf li kien ilu seba' xhur *acting governor;* naf li issa ġej għax kont tajtu vaganza, *in tre o quattro giorni* jkun hawn; għidt ħa nistennieħ anki bħala kumpliment.' Qalli meta għedtlu, qalli, *'no, no no, he's anti-English* dak!' Dak kontra l-Ingliżi! Qalli: 'jiena emmintu, u ktibt hekk. Qalli: 'kontra l-Ingliżi u jqajjimlek kwistjonijiet . . .' Jien ktibt hekk. Issa nerġa' nikteb.' Kiteb kemm-il darba . . . għalxejn. Imbagħad għadda ż-żmien, tbiddlu l-gvernaturi . . ."

**Fl-Għotja tal-'George Cross'**

"Fl-aħħar ġie Lord Gort, u ġiet il-gwerra; fil-gwerra kien Lord Gort, kif ingħidu bil-Malti, ħa grazzja miegħi. Meta l-gvern ingliż lil Malta taha l-*George Cross*, jiena ġejt hawn Malta; saret ċelebrazzjoni fil-pjazza; imbagħad għedt lill-gvernatur — għedtlu 'ma jixraqx li tiġi Għawdex, nagħmluh hemm ukoll.' U aċċetta. Hemmhekk ġie, għamel erba' kelmiet, u jien għamilt diskors (li jista ġurnata jkun stampat, għax talbuhuli, u sibt in-noti tiegħu) u dana għoġbu wisq dan id-diskors, u ħa grazzja miegħi . . . Imbagħad qallhom: 'dan il qed igħidu kontra tiegħu?' U fil-gwerra kien jafdali s-segreti kollha! Ġie li kien hemm segreti li lanqas qalhom lil ta' madwaru. Kien jiġi Għawdex joqgħod għandi jiekol għandi, imbgħad noqgħodu nitkellmu fuq is-sitwazzjoni, kien jafdali kollox: 'biss, ara titkellem.' Kien qalli, darba qalli: 'se jkollna l-flotta Taljana ġejja biex tieħu lil Malta. Allaħares issir, għax imbgħad Mata titfarrak . . . għax l-Ingliżi jibdew ifittxu li jfarrkuha.' Qalli: 'x'nagħmlu? Naħsbu għall-proviżjon?' Wara ftit qalli: 'spiċċat dik.' Imbgħad ġiet diffikoltà oħra. (Iż-żmien kien daħal talgwerra.) U għamel seduta — kien jafda kważi kollox lili — u sejjaħli."

**Kif il-Bdiewa Għawdxin salvaw lil Malta min-Nażi . . .**

"Konna hu, jiena, il-Lieutenant Governor, ċertu Mr. Ward

(li kien inkarigat mid-dqiq) u ieħor militari (kien inkarigat mir-raba). U qalilna 'se nafdalkom *a top secret*. Ħadd ma jista jitkellem: ara min jitkellem.' Qal: 'dqiq għandna għal ftit xhur biss. X'se nagħmlu?' Jaqbeż Mr. Ward: *"I beg your pardon Sir; it's not a question of months, its a question of days. I have flour for only about one month. I'm not sure whether that will last for one month . . . .'* Il-gvernatur għamel *'What can we do? We cannot let the Maltese die of hunger. We must find . . .'* Għedtlu: *'May I say a word?'* (kien is-Sibt dan.) Għedtlu: *'I could find a remedy . . . I'll get wheat from Gozo. It's the time of the harvest.'* Qalli 'tagħmilha?' Għedtlu: 'nagħmilha.'

— 'Jirnexxilek?'

— 'Sa ċertu punt, tirnexxi. Imma biex nagħmilha: *on two conditions*. Inti għedtilna li dan *top secret*. *I mean to ask the farmers of Gozo to give us the wheat. How can I persuade them unless I lay before them the situation?'*

— *'Alright. Tell them what the situation is like. What is your second condition?'*

— *'Give me petrol. I have only one can of petrol per week as bishop of Gozo.'*

— *'You will have as much as you need.'*

"Dak kien is-Sibt. Il-Ħadd, kien hawn Mr. Patrick Holland, li kien qisu l-gvernatur ta' Għawdex. Sejjaħtlu. Għedtlu: 'ara: għada mmorru Għawdex, u tiġi miegħi.' It-Tnejn morna. Dorna r-raba kollu ta' Għawdex. U nista ngħid li l-bdiewa kollha ġenerożament tawni. Dawk li kienu jikkonservaw ħafna minnu għall-familja tagħhom u jbiegħu . . . għedtilhom 'ara, inħallsukom tal-qamħ.' Kienu "jadurawni": la l-isqof qed igħidilna hekk, mela nagħmlu hekk. Ċempilt lill-gvernatur, għedtlu: *'send two trucks tomorrow morning and you will have all the wheat of Gozo.'* Iġġennen bil-ferħ dan! Bagħathom. Dik salvat is-sitwazzjoni. Għax imgbħad, għadda ftit taż-żmien, u sar li sar, saret il-konklużjoni, imma baqa' jservi sakemm saret il-paċi. Kellna żewġ *trwcks* immsensi, taf."

**Fiż-żjara tar-Re George VI**

"Fl-intervall, ġie r-re. Għamel viżita. Jiena fil-gvern kienu kollha kontra tiegħi — għax hekk għawihom Sir Harry Luke, kif għedilkom diġà. Ir-re żammewh Verdala. U daħħalna — qabel kellimna — f'kamra żgħira. Imbgħad il-gvernatur qal issa — tkunu erbgħa — l-isqof Caruana u jien, flimkien maċ-

*Chief Justice*, u l-kap *tal-Air Force* ingliż, li kienu għamluhom *Knights*. Ir-re tahom il-pussess bix-xabla, imbgħad wara l-gvernatur qalilna: 'irid jismagħkom wieħed wieħed.' Għedtlu: 'Monsinjur Caruana m'hux kapaċi; rajtuh kif ġab ruħu fil-pranzu: marid; ma jiflaħx'; u rnexxilna nipperswaduh li jmur fil-palazz. (U, in parentesi, dik in-nhar stess fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar għamlulu l-griżma tal-morda, ħasbu li se jmut; imbgħad irpilja.) Allura dħalt jien: ir-re hawn, jiena quddiemu, Lord Gort hawn. Qallu: *Your Majesty, had it not been for the great help I received from the bishop of Gozo, I wouldn't have been able to save Malta. And, Your Majesty wouldn't have been here today.'* Meta qal hekk il-gvernatur, feraħli u rringrazzjani r-re. Mar l-Ingilterra u — sirt naf — qalhom: 'x'intom tgħidu u temmnu dak li ntqal? Il-gvernatur qalli li kieku ma kienx hu ma kienx isalva 'l Malta! Ara, iktbu malajr Ruma *and withdraw your opposition*!' Hekk għamlu. Malajr mar il-High Commissioner; qalhom: '*The King is sorry to say that he made a mistake, because he was badly informed. He withdraws the opposition, the veto, and wishes to appoint Mgr. Gonzi archbishop of Malta.'* U spiċċat."

Hawnhekk l-Arċisqof Gonzi irrimarka li, fl-aħħar mill-aħħar, hu u Sir Harry Luke kienu spiċċaw bit-tajjeb għax ma baqgħux miġġieldin.

**Dwar il-kwistjoni "tal-Caravaggio"**

Gonzi, però, xejn ma kien inklinat li jitkellem dwar episodji riċenti li kkaratterizzaw il-karriera tiegħu, inqas u inqas meta dawn kienu jinvolvu konflitti mal-*Malta Labour Party*. Mistoqsi dwar il-biċċa "tal-Caravaggio", li kienet ħolqot waħda mill-ewwel kontroversji bejnu u l-ewwel gvern immexxi mill-perit Dominic Mintoff, l-Arċisqof wieġeb f'dawn il-kelmiet, bil-miktub:

> Il-kwadru tal-Caravaggio, li kien minn dejjem fl-Oratorju ta' S. Ġwann, kellu bżonn ta' restawr, u rnexxielna nott-jenu restawr *gratis* fl-Italja. Bagħtnih fuq bastiment tal-gwerra. Meta tlesta, fittixna li nġibuh lura. Allura l-Gvern ippretenda li jżommu fil-Mużew tal-Gvern. Jiena insistejt mal-Gvern Malti li la darba dal-kwadru kien dejjem fl-Oratorju ta' San Ġwann u kien sar għal hemm, kellu jerġa' jitqiegħed f'postu. U wara ħafna taħbit, irnexxieli: u hekk dan il-kwadru (il-kapulavur tal-Caravaggio) jinsab illum fejn kien minn dejjem, fl-Oratorju ta' San Ġwann.

**Dwar il-Vjolenza Politika**

*Mistoqsija*: F'wieħed mill-aħħar diskorsi tiegħek bħala Arċisqof Metropolita, inti dehert imħasseb ħafna dwar il-futur ta' Malta, imma b'danakollu ftit wara għedt pubblikament li nies kriminali li kkommettew atti ta' vjolenza politika kien jistħoqqilhom il-maħfra. Tista tagħti spjegazzjoni ta' dan?

*Tweġiba*: Jiena kont ippublikajt pastorali qasira fejn għedt li jiena kuntent li qed nara l-kwiet u l-paċi. Kont għadni kif qrajt li l-Papa kien għamel rakkomandazzjoni: kien hemm wieħed li kienu kkunddanawh għall-mewt u dan il-Papa talab għalih, u kienu laqgħuha sa ċertu punt. Dak inkoraġġini . . . Jiena kkundannajt dak il-ħsarat li saru fil-pastorali li ktibt ta' qabel dik; għedt però: dawk kien hemm ħafna żgħażagħ li lanqas età m'għandhom — dawn jekk tibgħatuhom il-ħabs jitħassru iżjed hemmhekk. Dawn, naturalment, kienu fil-*gioventù* tagħhom, f'dak l-entużjażmu, dawn lanqas kienu jafu x'inhuma jagħmlu; wieħed juża moderazzjoni magħhom. Inkoraġġejt minn dak li l-Papa stess għamel . . . Din ġiet minn xi wħud interpretata ħażin. Jien m'għedtlux jaħfer lil dawk li kissru l-każini u għamlu — l-irġiel li kienu; imma dawn iż-żgħażagħ lanqas kienu jafu, mfixklin minn dak l-entużjażmu; dik kienet. Ma stajtx napprova dak li għamlu jien — ma jfissirx li approvajtu — imma jiltaqgħu ma' ħafna brikkuni hemm fil-ħabs, u jagħmlu xi sena hemm, jikkorrompu ruħhom . . .

**Dwar iż-Żwieġ Ċivili**

*Mistoqsija*: Ma taħsibx li jista jkun hemm, sa ċertu punt, separazzjoni legali bejn dak li hu dover reliġjuż u dritt sekulari f'dawn iż-żminijiet, bħal, per eżempju, fil-każ ta' żwieġ ċivili? Jekk taqbel ma' dan, sa fejn taħseb li hu possibbli f'Malta?

*Tweġiba*: S'intendi, in ġenerali, ma nistax napprova kull ma sar. Saru ħwejjeġ li ma stajt napprovahom qatt. Imma nsemmi ħaġa: is-sagrament taż-żwieġ. Iż-żwieġ, kif inhu llum, jiena ma approvajtu qatt. Jiena xtaqt li jsir almenu — la darba riedu jagħmlu — l-isqfijiet kienu favorevoli għaż-żwieġ ċivili *għal dawk li m'humiex Kattoliċi*. Dik iva. Konna favorevoli: għedna jsir iż-żwieġ ċivili għal dawk. Imma għal min hu Kattoliku, xtaqna li almenu — jien almenu nsistejt — li jkunu bħal ma hi l-Italja: li l-kappillan jibqgħalu l-fakoltà li jirċievi l-promessi ta' dawn, ikun awtorizzat bħal ma hu l-Italja. Fl-Ital-

ja l-*parroco* għandu l-fakoltà — kousiderat bħala uffiċjal tal-gvern — għaż-żwiġijiet biss. Li jkun il-kappillan malti, bħala uffiċjal ċivili tal-gvern, għaż-żwieġ: iż-żwieġ isir quddiemu, mingħajr il-presenza ta' dak li jakkompanja ż-żwieġ. Illum din ma rnexxielix; jiddispjaċini, dik li xtaqt jien.

**Dwar dak li hu Essenzjali fil-Ħajja ta' Poplu . . .**

Mitlub jagħti "veduta ġenerali" ta' dak li fil-fehma tiegħu "hu essenzjali fi ġrajjietna bħala poplu", u x'jaħseb dwar it-tibdil fil-mod ta' għajxien ta' niesna, l-Arċisqof Gonzi saħaq ħafna kontra "d-diżonestà" u semma "l-oxxenitajiet" pubbliċi fiċ-ċinema u anki fin-night clubs, li huwa sostna, qegħdin jikkorrompu liż-żgħażagħ ta' Malta, speċjalment ġuvintur u xebbiet. "Ħwejjeġ li qed jiddiżonuraw lil Malta. Għandna pajjiżi fejn hemm ċertu kontroll. Għaliex ma jsirx kontroll fuq dawn li qed iġibu dawn l-għarukażijiet ta' xeni li qed jaraw? Dan ma nistax ma nipprotestax kontra tiegħu. M'għandi l-ebda fin politiku — fin reliġjuż: għax nibki, meta nara l-korruzzjoni li qegħda ssir partikolarment fiż-żgħażagħ. Jiġu anki kapijiet ta' familji jgħiduli 'aħna stħajna u ħriġna' . . . Donna qed insiru bħall-agħar pajjiżi ta' l-Ewropa fil-moralità. Jiena dan nixtieq nara: kontroll fuq il-moralità."

Mistoqsi, fl-aħħarnett, x'jissuġġerixxi bħala messaġġ għall-futur, Gonzi rrikmanda r-reċtar tar-rużarju, preferibbilment kuljum. U reġa' semma l-immoralità "sesswali": "U għandna bżonn ilkoll, ibda mis-saċerdoti, nitolbu għal Malta", huwa ikkonkluda, "għax jekk nibqgħu sejrin hekk fil-moralità u fir-reliġjożità, se nsiru bħal pajjiżi oħra: tispiċċa r-reliġjon — tispiċċa l-prattika, għax ir-reliġjon ta' Kristu ma tispiċċa qatt — imma tispiċċa l-prattika tar-reliġjon. Darba l-Papa Piju XI, f'pellegrinaġġ li konna għamilna, bejn Malta u Għawdex, kien sejħilna *"Malta Cattolicissima."* Imma llum nistgħu ngħidu li Malta hija *Cattolicissima*? B'dawn ix-xeni li qegħdin naraw fiċ-ċinema tagħna u anki fil-pubbliku f'ċerti postijiet u f'ċerti *night-clubs* li qed isiru l-oxxenitajiet! Naf li min hu nteressat fin-negozju forsi ma jieħux pjaċir bih dan, sew tan-*night clubs* sew taċ-ċinema; imma jiena għalkemm m'għadnix l-Arċisqof ta' Malta, għadni Arċisqof Malti u għadni nħoss u nixtieq li dawn l-abbużi jispiċċaw. Għax se nsiru bħal pajjiżi oħra: irreliġjużi u diżonesti."